IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1958

# HREJJEF, STEJJER U KITBA OHRA TA' SIR TEMI ZAMMIT

*FL-AHHAR kellna x-xorti li noħorġu stampati l-ewwel sensiela ta' ħrejjef, stejjer u kitba oħra ta' Sir Temi Zammit miġburin fi ktieb. Kienet il-"Għaqda" li fl-organu tagħha "IL-MALTI" leqgħet l-ewwel darba xi kitba bil-Malti ta' Sir Temi Żammit u baqgħet imbagħad 'l hawn u 'l hinn tilqa' għall-istampa dawn il-ħrejjef u stejjer li hu baqa' jikteb sa l-aħħar ġranet ta' ħajtu. Sa mill-bidu tal-pubblikazzjoni ta' din ir-rivista, li kienet tant għal qalbu, huwa wera l-akbar interess fis-sistema tal-kitba tal-"Għaqda" u bil-pinna tiegħu fettex li jgħinha u jwettaqha fil-ħidma tagħha.*

*Ma kienx joħroġ ktieb ta' "IL-MALTI" li fih ma kontx issib xi storja ta' Temi Zammit. Hu kien wera kemm-il darba x-xewqa li dawn l-istejjer jiġborhom fi ktieb. Difatti, wara xi żmien 'l hawn u 'l hinn kien beda joħroġ stampati għalihom fi ktejjeb xi ftit minnhom, iżda dawn ma kinux ħlief bħal frak ta' dik il-ħafna kitba bil-Malti li sa dak iż-żmien hu kien laħaq kiteb u stampa f'"IL-MALTI". Wara żmien huwa kien waqqaf il-pubblikazzjoni ta 'dawn l-istejjer, meħudin minn fuq "IL-MALTI", bit-tama li 'l quddiem joħroġhom fi ktieb wieħed.*

*Ix-xewqa tiegħu ma laħqitx twettqet għax il-mewt ħaditu minn fostna fit-2 ta' Novembru ta' l-1935 fil-għomor ta' 71 sena. Għal Malta u għax-xjenza medika u arkjoloġika, il-mewt tiegħu kienet telfa kbira, iżda għal-letteratura Maltija kienet telfa wisq aktar kbira.*

*It-teżor letterarju Malti li ħalla warajh Sir Temi Żammit imxerred 'l hawn u 'l hinn, biċċa f'"IL-MALTI", u biċċa banda oħra, bħalma huma l-pubblikazzjonijiet tat-"Tagħlim fuq id-Dinja" (1901) u l-"Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja Tagħhom"*

*(1925) u xi kitba oħra tiegħu bil-Malti, wara xi żmien fuq il-mewt tiegħu, fuq suġġeriment tal-Viċi-President (is-Sur Nin (Cremona). il-"Għaqda" ħasbet fih u ħabirket biex tiġbru u tinżamm tifkira xierqa tiegħu u, għalhekk, l-istess Viċi-President, li kien ħabib tal-qalb ta' Sir Temi Zammit u ta' niesu, talab lil ibnu, is-Sur Charles Zammit, il-lum Direttur tal-Mużew, biex f'ismu u f'isem il-werrieta, jagħti l-jedd lill-"Għaqda" li tiġbor u tippubblika x-xogħlijiet bil-Malti ta' missieru, u l-iktar il-ħrejjef u stejjer tiegħu li kienu dehru l-biċċa l-kbira f'"IL-MALTI" tal-"Għaqda". Bin Sir Temi Zammit, li għandu l-akbar opinjoni tajba tal-"Għaqda" u għożża kbira lejn il-ħbiberija ta' missieru mas-Sur Cremona u qima għax-xogħol ta' missieru, li jaf li sa jaqa' f'idejn tajba, ma qagħadx jaħsibha darbtejn u laqa' t-talba tal-Viċi-President f'isem il-"Għaqda". U b'hekk f'kelma waħda ġejna fi ftehim li l-"Għaqda" tixtri l-Proprjetà Riservata ("Copyright") tal-pubblikazzjonijiet bil-Malti ta' Sir Temi Zammit.*

*Dan sata' jsir bil-għajnuna u ġenerożità tal-Gvern li b'rakkomandazzjoni tad-Direttur ta' l-Edukazzjoni kellna dik l-għajnuna finanzjarja meħtieġa għax-xiri tal-Proprjetà Riservata.*

*Wara li rnexxielna niksbu f'idejna l-Proprjetà Riservata tax-xogħlijiet letterarji bil-Malti ta' Sir Temi Zammit, ġiena l-ħsieb li nippubblikaw f'żewġ kotba l-"Ħrejjef u Stejjer" tiegħu, b'xi bċejjeċ mit-"Tagħlim fuq id-Dinja", u ta' l-"Istorja Ċkejkna ta' Malta" u xi siltiet oħra mill-ktejjeb "Tas-Sliema u San Ġiljan": u l-iktar li ħajritna nidħlu għal din il-biċċa xogħol kienet it-tama u n-nofs wegħda li kellna mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni li l-kotba ta' l-"Istejjer" jidħlu fis-sillabu ta' l-Iskejjel Primarji u iktarx ukoll f'xi klassijiet inferjuri ta' l-Iskejjel Sekondarji, iżda din it-tama u din in-nofs wegħda ma twettqux hekk minnufih.*

*Qalbna ma qtajnihiex. Fittixna kull mezz madankollu li għall-ewwel nistampaw l-Ewwel Ktieb b'xi ħrejjef, stejjer u kitba oħra ta' Sir Temi Zammit, u, billi fondi ma kellniex għall-ispejjeż ta' l-istampa, fittixna li nsibu persuna, stampatur jew ditta li tindaħal għall-istampa ta' l-Ewwel Ktieb ta' l-istejjer. Billi ma kellniex assikurazzjoni li dan il-ktieb jidħol fl-iskejjel, ma sibniex min jissogra jidħol għall-istampa tiegħu, ħlief lid-ditta A.C. Aquilina & Co. li stampat il-ktieb wara akkordju bil-miktub, fejn il-"Għaqda" żammet il-Proprjetà Riservata (Copyrght) għaliha*

*u tahbet xi drittijiet ta' privileġġi finanzjarji. L-istampa ta' l-ewwel edizzjoni kienet ta' 2,000 kopja.*

* * *

*Il-ktieb għalissa, daħal bħala test ta' ktieb tal-qari f'waħda mill-klassijiet tal-Liċeo, imma hemm it-tama li s-sena li ġejja jidħol ukoll fl-Iskejjel Sekondarji tal-Bniet u fl-Iskejjel Primarji. Kif jidher mill-frontispizju tal-ktieb ix-xogħol tal-kompilazzjoni sar mis-Sur Nin Cremona, li tant ħabrek u għadu jħabrek għall-pubblikazzjoni tal-kitba bil-Malti ta' Sir Temi Zammit.*

*Biċċa xogħol importanti li għandha rabta kbira mal-ktieb kienet dik tan-Noti jew Tifsir ta' xi Kliem u espressjonijiet li 'l hawn u 'l hinn ħtieġ għall-qarrej u student. Din ma setgħetx tintemm flimkien mal-kompilazzjoni tal-ktieb billi dan kellu jiġi stampat qabel ma jiftħu l-iskejjel. Nittamaw, madankollu, li sa ftit taż-żmien ieħor, bit-tħabrik ta' l-Editur u bir-rieda tajba tad-Ditta li sa tindaħal għall-istampa, dawn in-Noti ma jdumux ma jiġu f'idejn l-istudenti f'għamla ta' ktejjeb ta' l-istess daqs tal-ktieb ta' l-Istejjer b'mod li jkun ta' għajnuna mhux ftit biex wieħed jifhem u jiggosta iżjed il-kitba hekk sabiħa u ħelwa ta' Sir Temi Zammit.*

*Fir-reviżjoni tan-Noti s-Sur Cremona għandu l-pjaċir igħarraf li kellu l-għajnuna ta' fejda kbira mis-Sur Ġann Cilia, Surmast Prinċipali ta' l-Iskola Primarja ta' l-Imġarr, Malta.*

*Nittamaw fl-aħħarnett illi l-Editur ta' l-Ewwel Ktieb ma jdumx ma jkollu miġbura għall-istampa l-bqija ta' l-Istejjer u Kitba oħra, hekk meħtieġa u mistennija, ta' Sir Temi Zammit.*